MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 78/2005

Kawza fil-lista: 31

**A B**
**Vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi -partijiet izzewgu f'Bangkok, Thailand, fil-25 ta' Gunju 1998, zwieg li gie rregistrat fir-Registru Pubbliku Malta fil-25 ta' Frar 2000 – Dok A anness ATT taz-Zwieg Numru 134 ta' 2000.

Peress illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat billi kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-

hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha b'anomalija psikologika serja, li taghmilha mpossibli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg: fit-termini ta' l-Artikolu 19(d) tal-Kap. 255.

Peress illi l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt tat-30 ta' Jannar 2003 ppublikat minn Nutar Dottor Joseph R. Darmanin.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din il-Qorti in vista tal-premess m'ghandhiex:

1. tiddikjara null u bla effett fil-ligi, z-zwieg tal-partijiet li sar fil-25 ta' Gunju 1998 f'Bangkok, Thailand, sussegwentement registrat fir-Registru Pubbliku f'Malta fil-25 ta' Frar 2000 billi l-kunsens tal-konvenuta kien vizjat kif fuq intqal.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni.
Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-lista tax-xhieda;

Rat li l-konvenuta debitament ingunta ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta celebrat f' Bankok Tajlanda fil-25 ta' Gunju 1998 huwa null fil-ligi, u dan in bazi ghal dak li hemm kontemplat fil-paragrafu [d] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhhu s-segwenti kwadru tal-fatti. L-attur, li kien jghix l-Awstralia, kien iltaqa' l-ewwel darba mal-konvenuta f' April 1998 meta kien mar Bankok ghal vaganza ta' hmistax. Wara xaharejn rega' mar Bankok, rega' ltaqa' mal-konvenuta u

hemmhekk izzewgu fil-25 ta' Gunju 1988. Minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel.

L-attur spjega li fl-ewwel tlett xhur taz-zwieg, sa Awissu 1998, li il-koppja ghamlet f' Bankok huma kienu jghixu mal-genituri tal-konvenuta, u f' dan iz-zmien kienu ghexu l-hajja mizzewga, inkluz li jorqdu flimkien. Sussegwentement gew Malta, u l-hajja mizzewga bejniethom damet circa xahar; ghax il-konvenuta bdiet twarrab lill-attur u tifittex hbieb maskili ta' orjentament feminili, bir-rizultat li din abbandunat il-hajja konjugali u bdiet tiffrekwenta dan it-tip ta' irgiel. Fit-30 ta' Jannar 2003 il-partijiet isseparaw bonarjament wara li kienu "diga' ilna s-snin nghixu kulhadd ghar-rasu." Illum il-konvenuta tghix mat-tifel taghhom f' Malta.

Illi minn dan il-kwadru premess, ghalkemm din il-Qorti tirravvisa capita nullitatis ohrajn minbarra dawk indikati mill-attur fic-citazzjoni, il-Qorti ser tillimita ruhha ghall-kawzali kif tirrizulta mill-att tac-citazzjoni, u cioe' l-ezistenza ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju da parti tal-konvenuta fuq il-hajja mizzewga u d-drittijiet u d-dmirjiet li din timporta, kif ukoll l-anomalija psikologika kontenuta fit-tieni parti ta' din id-disposizzjoni.

Mill-provi jirrizulta car li z-zewg partijiet dahhlu ghal dan iz-zwieg meta <u>prattikament ma kienux ghadhom 'jafu' lil xulxin</u>. Di fatti dawn iz-zewgu <u>wara xaharjen</u> li kienu ltaqghu, u jidher li matul dan il-perijodu l-attur kien assenti minn Bankok ghal circa gimghatejn. Ghalhekk ma hemmx dubju li dawna kienu emotivament impreparati. Fil-fatt irrizulta li <u>wara ftit xhur</u>, il-konvenuta abbandunat il-hajja konjugali ma' l-attur u bdiet tiffrekwenta rgiel ta' orjentament feminili, liema fatt juri li dina fil-mument tal-ghoti tal-kunsens kienet priva minn dik il-fakolta' kritiko valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens, kif ukoll minn dik il-maturita' affettiva li tikkomprendi dak kollu li ghandu x' jaqsam ma' l-emozzjonijiet u sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. L-agir tal-konvenuta li wara ftit xhur ta' hajja mizzewga abbandunat lill-attur biex tiffrekwenta rgiel ohra, juri bic-car in-nuqqas ta' din il-kwalita' da parti taghha fil-konfront tal-konvenut. Inoltre turi mankanza da

parti taghha ta’ dik id-discretio judicii konsistenti fil-konoxxenza shiha ta’ dak kollu li kienu dehlin ghalih il-partijiet u cioe’ l-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur.

Ghaldaqstant f’ dan il-kaz jikkonfigura l-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] tal-Artikolu 19[1] u cioe’ l-ezistenza ta’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta gudizzju da parti tal-konvenuta fil-mument tal-ghoti tal-kunsens. Rigward it-tieni parti ta’ dan il-paragrafu, jigi osservat li ma ngabux provi f’ dan ir-rigward fit-termini tal-insenjament tal-kawza *App.C Joseph Spiteri vs George Spiteri [Vol.LXXXV.II.81]*

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fil-25 ta’ Gunju 1998 f’ Bankok u registrat fir-Registru Pubbliku f’ Malta fil-25 ta’ Frar 2000. L-ispejjez a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------